MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Talba Numru. 2318/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Rosalie Gauci (ID: 157569 M) sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess Rosalie Gauci**
**Vs**
**Mary Schembri (ID:786347 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta’ l-atturi li bih talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ tnejn u tmenin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm82.87c), rapprezentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku tat-3 ta’ Frar, 2004, fi Triq San Filippu Borg, Birkirkara, bejn il-vettura bin-numru JAI 645 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru JBC 256 misjuqa minn u proprjeta’ ta’ l-assikurata taht polza ta’ l-assikurata tas-socjeta’ attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza “comprehensive” mas-socjeta’ attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-

assikurata taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

L-atturi jispjegaw illi l-ammont mitlub jinkludi hamsin lira (Lm50.00) *excess* imhallsa mill-assikurata tas-socjeta' attrici Rosalie Gauci. Inoltre, l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru, 2004, izda baqghet inadempjenti;

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha eccepiet illi hi ma tahtix ghall-incident *de quo*;

Eccepiet ukoll, minghajr pregudizzju ghal premess, illi l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat u dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.  Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

B'digriet tieghu tad-9 ta' Frar, 2006, dan it-Tribunal innomina lill-espert kalligrafu Joseph Gaffiero limitatament dwar l-firma tal-konvenuta, liema inkarigu gie sussegwentement revokat;

B'digriet tieghu datat 27 ta' Marzu, 2006, gie nominat Dr.Adrian Camilleri bhala Magistrat Supplenti;

Ra x-xhieda ta' Rosalie Gauci li xehdet illi fit-3 ta' Frar, 2004, meta kienet ghaddejja minn Triq San Filippu Borg, B'Kara, fit-triq ghal fuq il-*bridge* li jigi faccata tal-Knisja ta' San'Antnin. Tghid li kienet wieqfa u kellha l-*hand brake* imtella' ghaliex kien hemm hafna karozzi quddiemha. Kellha ukoll l-*indicator* tax-xellug mixghul;

Tispjega li meta bdiet miexja, hasset daqqa fuq wara u nizlet mill-karozza li kienet qed isuq li ggib in-numru JBC 256. Hemm sabet li kienet dahhlet go fiha mara, li ammettiet maghha li kienet mghaggla ghaliex kellha tiehu lill-ommha l-Isptar. Kellha l-fanal ta' quddiem imkisser fuq in-naha tal-passiggier;

Tghid li hi kienet assikurata *fully comprehensive* mas-socjeta' attrici u kienet hallset hamsin Lira (Lm50) excess. Tghid ukoll li hi u l-konvenuta kienu imlew il-*front to rear form*, flimkien ma' ohtha li kienet maghha;

Ix-xhud tghid ukoll illi l-konvenuta kienet iffirmat il-*front to rear form*. Tikkonferma li hi kienet pingiet il-posizzjoni tal-vetturi. Tikkonferma ukoll illi meta rat lill-konvenuta mill-mera tal-karozza din kienet wieqfa. Tichad li qalet xi diskors mal-konvenuta li kienet irriverjat ghal fuqha;

Ra x-xhieda tal-konvenuta li dakinhar ta' l-incident kienet qed issuq il-vettura Skoda b'numru ta' registrazzjoni JAI 645. Hi tghid li kienet fil-vicinanzi tal-Knisja ta' San'Antnin u kienet waqfet ghaliex kien hemm il-vettura ta' l-attrici u riedet tara fejn kienet sejra sabiex taqbizha. Il-konvenuta tghid li xeghlet l-*indicator* sabiex iddur fuq il-lemin. Kien f'dak il-hin li rat ir-*reverse lights* tal-vettura ta' l-attrici jinxteghelu u din ta'l-ahhar giet b'lura u laqtitha, minkejja li daqqet il-horn. Sehh l-incident u kienu nizlu mill-karozza;

Kienu mlew il-"front to rear form" izda meta giet muriha l-istess dokument cahdet ghal kollox li kien hemm il-firma taghha;

Tkompli tghid li kienet wahedha fil-karozza meta sehh l-incident u tichad li qalet li kienet mghaggla ghaliex kellha twassal lill-ommha l-isptar. Tghid li fl-opinjoni taghha, meta l-attrici bdiet tirriversja ma kienitx semghet il-horn;

Ra x-xhieda ta' Annabelle Gauci li kienet tinstab mal-attrici fil-mument li sehh l-incident. Tghid li waqt li ohtha kienet waqfet sabiex tistenna l-karozzi jghaddu, kienet dahlet fuqhom il-vettura tal-konvenuta;

Tikkonferma li l-konvenuta kienet qalet li kienet mghaggla ghaliex kellha tiehu lill-ommha l-Isptar. Id-daqqa tghid li hassitha mhux ratha ghaliex il-vettura tal-konvenuta kienet tinstab wara. Meta sehh l-impatt, il-karozza tal-konvenuta ma kienitx ghadha skorriet is-"STOP sign."

Tghid li filwaqt li ohtha kienet imliet il-parti taghha tal-“front to rear form” hi kienet ghenet lill-konvenuta timla’ l-parti taghha;

Ix-xhud tikkonferma li hi kienet imliet il-formula tal-“front to rear form” u kienet imliet id-dettalji tal-vettura B, u kienet gharrfet ukoll il-kitba taghha fil-sezzjoni “*vehicle damage of vehicle A*.”

Bhala hsarat, ix-xhud tghid li kellhom hsara fil-*bumper* ta’ wara u l-konvenuta kellha hsara fil-fanali ta’ quddiem;

Ix-xhud tispjega illi ma kienitx taf jekk il-karozza kienitx mxiet ‘l quddiem mal-impatt, kien hemm daqqa, pero’ l-handbrake kien imtella’. Tghid ukoll li ma semghetx horns;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Dwar ir-responsabbilita’ ta’ l-incident, hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, fejn l-attrici nomine tghid li l-konvenuta saqghet ghal fuqha, meta kienet wieqfa, ghaliex kienet qed tghaggel biex tiehu lill-ommha l-Isptar. Il-konvenuta, tichad dan u tghid li invece kienet l-attrici Rosalie Gauci li irriversjat ghal fuqha;

Giet esebita l-“front-to-rear form” fejn giet ndikata l-posizzjoni tal-vetturi u anke dwar dan l-iskizz m’hemmx qbil;

Dwar traskuragni, jew negligenza jista’ jinghad li l-attrici Gauci kienet wieqfa, bl-*indicator* mixghul, biex tohrog mill-STOP sign wara li kienu ghaddew il-vetturi. Din il-verzjoni tidher kredibbli, aktar u aktar meta l-konvenuta tghid li rat il-vettura ta’ l-attrici u stenniet biex tara x’kienet ser taghmel. Din per se hija indikazzjoni li l-vettura ma kienitx miexja;

Il-fatt li l-konvenuta kienet tinstab wara, kien fid-dmir taghha li turi prudenza fis-sewqan u tuza’ “a proper

lookout” fuq il-vettura li kienet tinstab quddiem u cioe’ dik ta’ l-attrici Gauci;

Jidher li l-attrici tghid li malli bdiet miexja hasset l-impatt u kienet rat il-vettura tal-konvenuta  wieqfa. Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi huwa pjuttost inverosimili li l-attrici rriversjat ghal fuq il-vettura tal-konvenuta. Anzi, pjuttost, it-Tribunal ihoss li s-sekwenza tal-fatti graw fil-manjiera li l-ewwel kulhadd kien wieqaf u malli bdiet miexja l-attrici, l-konvenuta bdiet miexja ukoll,  b’certu ghaggla u minghajr ma ezercitat dik l-attenzjoni u prudenza fis-sewqan taghha, ma nnutatx li l-attrici kienet ghadha ma harigtx u sehh l-impatt;

Mill-provi stess ma jirrizultax li kien hemm xi impatt kbir. Pero’, l-istess hsarat jaghtu indikazzjoni ta’ l-incident, fis-sens li l-attrici Gauci garbet aktar hsara mill-konvenuta u li kieku irriversjajt, kif qed tallega l-konvenuta zgur li din ta’l-ahhar kienet issofri aktar hsarat, mhux semplicement hsara fil-fanal ta’ quddiem;

Ghalhekk il-provi ta ’l-attrici, kif korroboati mal-verzjoni t’ohtha, jwasslu lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-attrici hija aktar kredibbli fil-evalwazzjoni ta’ kif graw il-fatti;

Jibqa’ biex jigi konsidrat l-ammont ta’ hsarat u Danni pretizi. Il-konvenuta eccepiet lil-ammont mitlub huwa esagerat, pero’ fil-provi taghha jidher li ikkoncentrat fuq l-aspett tar-responsabbilta u naqset li iggib provi dwar l-eccezzjoni relativa taghha dwar l-allegat ammont eccessive;   Konsegwentement ma hemm xejn fil-provi li talvolta jista jiskossa il-prova li l-attrici ghamlet dwar l-attendendibilita’ tad-danni pretizi, li talvolta jistghu jidderigu lit-Tribunal jiddubita dwar l-ammont pretiz rigwardant l-ispejjes ghat-tiswijiet;

Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li t-talba ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta

thallas l-ammont indikat fl-avviz filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------